**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 19 ta' April, 2017**

Kawza Numru: 214/2016JB

Numru: 2

**Aluserv Ltd (C16209)**

***vs***

**Aiden Xuereb (K.I.: 544878M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-2 ta' Gunju 2016 fejn is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf, mija u sitt euro u erbgha u ghoxrin ceentezmu (€1,106.24) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol ta' aperturi tal-aluminium li saru mis-Socjeta Attrici fuq inkariku tal-Konvenut. Talbet ukoll l-ispejjez;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-11 ta' Lulju 2016 (a fol 3);

Ra li l-Konvenut ta ruhu b'notifikat minn jeddu bl-atti tal-kawza fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2017 (a fol 21);

Ra r-risposta tal-Konvenut prezentata nhar it-2 ta' Frar 2017 (a fol 22) li permezz taghha eccepixxa dan li gej:

1. Illi t-talba hi infondata fil-fatt u fid-dritt hekk kif se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

2. Illi l-ammont pretiz mhux dovut ghar-raguni li s-Sur Matthew Joslin kien issalda da nil-bilanc biex jaghmel tajjeb ghal bieb li jiswa' elf u tmien mitt euro (€1,800) u li ma sarx skond l-arti u s-sengha.

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi l-kawza odjerna tirrigwarda bilanc ta' prezz ta' xoghol ta' aperturi tal-*aluminium*. Mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-partijiet qeghdin jaqblu li s-Socjeta' Attrici kienet ghamlet diversi xoghlijiet fi proprjeta tal-Konvenut.

In sostenn tal-azzjoni attrici xehed Mark Vassallo, direttur tas-Socjeta Attrici dan stqarr li s-Socjeta Attrici ghamlet xogholijiet lill-Konvenut u bhala pendenzi, fadal bilanc ta' elf mija u sitt euro u erba' u ghoxrin centezmu (€1,106.24) li ghadhom dovuti. Jghid li kien hemm xi problema waqt ix-xoghol billi bieb li kien ordnat gie ikbar. Jidher li dan kien dovut ghall-fatt illi l-madum tqieghed wara li ttiehed il-kejl izda min-naha tas-Socjeta Attrici kienu accettaw li jimmodifikaw il-bieb billi jqassruh u jergghu iqieghduh. Jghid li l-bieb gie installat u gie sewwa. Jghid li l-ispejjez kollha kemm tal-manodopera (biex iccekken il-bieb) kif ukoll tal-hgieg li kellu jerga' jinqata' mill-gdid thallas mis-Socjeta Attrici. Jghid li da parti tas-Socjeta Attrici ma kien hemm ebda ftehim li kienu se jaqtghulu xi haga mill-kont minhabba dan il-bieb. In kontro-ezami, Vassallo jghid li Matthew Joslin kien impjegat mas-Socjeta Attrici ghad li llum m'ghadux. Dak iz-zmien kien *General Manager* tal-kumpanija. Ix-xhud ikkonferma li kien proprju Joslin li tkellem mal-Konvenut. Meta mistoqsi jekk kienx hemm xi skambji ohra bejn Joslin u l-Konvenut, ix-xhud iwiegeb hekk "*nghid illi qatt ma sar diskors li dan il-kont ta' elf u tlieta u sittin euro (€1,036) ser jinhafer, almenu lili qatt ma nfurmani.*"

Xehed ukoll il-Konvenut li stqarr li sa Awissu tas-sena 2013 dawn ix-xoghlijiet kienu lesti ghad li kien ghad hemm *snag list* li kellha ssir. Jghid li ghamel sentejn jigri wara s-Socjeta Attrici sakemm fit-18 ta' Mejju 2015 baghat *e-mail* lid-Direttur Mark Vassallo fejn ilmenta mix-xoghlijiet. Jghid li immedjatament kien cempillu certu Matthew Joslin li kien il-*General Manager* tas-Socjeta Attrici u offra li jsolvi l-problemi. Jghid li kien hemm hafna skambji u *site visits*. Hafna mill-problemi ssolvew hlief ghal problema wahda li kienet tirrigwardja bieb kbir fejn dan il-bieb, meta taghmel ix-xita, l-ilma flok jiskula 'l barra jibqa' fuq ic-*channel* tal-aluminium u jiskula ghal gewwa. Jghid li l-managers tas-Socjeta Attrici meta marru fuq il-post qalulu li dan kien difett mill-bidu li jitranga ma jistax u li l-uniku rimedju huwa li jinbidel il-bieb kollu. Saru skambji biex tinstab soluzzjoni. Il-Konvenut jghid li Matthew Joslin kien issuggerixxa li jinghata kumpens fis-sens li l-Konvenut kellu bzonn grada zghira li tiswa madwar tliet mitt euro (€300) u din saret b'xejn. Kien baqa' bilanc ta' circa elf u mitt euro (€1,100) u Joslin qallu li l-bilanc li kien ghad fadal (mertu tal-odjerna kawza) kien qed jigi mahfur. Il-Konvenut jghid li fil-fatt il-bieb difettuz kien jiswa' elf u erba' mitt euro (€1,400). Jghid li madankollu sussegwentement beda jircievi talbiet ghall-hlas tal-bilanc u gew skambjati emails. Il-Konvenut stqarr li min-naha tieghu, kemm-il darba l-bieb jinbidel, dispost ihallas izda jinsisti dwar il-ftehim li kellu ma' Joslin. In kontro-ezami, il-Konvenut jghid li hu dejjem tkellem ma' Matthew Joslin peress li meta tkellem mad-Direttur tas-Socjeta' Attrici, Mark Vassallo, huwa iddelega lil Matthew Joslin li kien il-*General Manager*.

Ikkunsidra;

Illi l-kwistjoni odjerna jidher li ghandha titqies a bazi tal-valur probatorju tax-xhieda rispettiva ta' Vassallo u Xuereb. It-Tribunal ma jistax ma jemminx iz-zewg verzjonijiet in kwantu dawn xehedu dwar dak li jafu. Cara li t-tnejn ihossu li qed jghidu l-verita u t-Tribunal mghandux l-icken raguni li jiddubita lil xi wiehed mix-xhieda. Issa mill-assjem tal-provi hareg li (i) sar hafna xoghol fuq inkarigu tal-Konvenut; (ii) lli kien hemm problema dwar bieb partikolari; (iii) li kien hemm reklami u skambji. Mhemmx qbil dwar ir-rimedji fis-sens li ghal Vassallo kollox issewwa, ghal Xuereb intlahaq ftehim li kulhadd jibqa b'li ha (oltre ghal li ggwadanja grada zghira). Mhemmx kontestazzjoni li kwalsiasi negozjati da parti tas-Socjeta Attrici saru minn Matthew Joslin li kien il-*General Manager*. Vassallo ma kienx prezenti u ma jeskludix li sar il-ftehim li dwaru xehed il-Konvenut.

Issa dan it-Tribunal mhuwiex marbut bir-regola tal-ahjar prova u l-ebda wiehed mill-partijiet ma kellu l-obbligu li jharrek lil Joslin ghad li s-Socjeta Attrici ma kienetx taghmel hazin kieku ressqitu gjaladarba jidher li kien hu l-persuna li nnegozja mal-Konvenut. In mankanza ta' tali xhieda, it-Tribunal irid iqis jekk joqghodx fuq ix-xhieda ta' Xuereb li mhux kontestat li kien qed jitkellem ma' Joslin qua delegat tas-Socjeta Attrici jew fuq il-verzjoni ta' Vassallo li jidher li hu iddelega lil haddiehor u qed jistrieh fuq taghrif li wasal ghandu. Fic-cirkostanzi, it-Tribunal iqis li l-mizien joxxilla aktar favur il-verzjoni ta' Xuereb u ghalhekk javvalla l-pozizzjoni minnu mistqarra. Konsegwentement, se jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Konvenut u jichad it-talba attrici.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi prevja li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Konvenut, jichad it-talba attrici, bl-ispejjez kontra s-Socjeta Attrici.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*